

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-assenza ta' bażi legali u applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 75 tal-Miżuri ta' Implementazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew.
 3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur manifest tal-prinċipju ta' ċertezza legali tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u tad-drittijiet miksuba, u, għaldaqstant, ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll Addizzjonali tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.
-

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Diċembru 2022 – Dupuis vs Il-Parlament

(Kawża T-823/22)

(2023/C 94/63)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Olivier Dupuis (Brussell, il-Belġu) (rappreżentant: M. Merola, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tiddikjara ineżistenti, jew sussidjarjament tannulla kompletament, il-miżura li r-rikorrent ġie informat biha permezz tal-Komunikazzjoni adottata mill-Kap tal-Unità tar-Remunerazzjoni u d-Drittijiet Soċjali tal-Membri tad-Direttorat Ġenerali għall-Finanzi tal-Parlament Ewropew dwar l-istabbiliment mill-ġdid tad-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar ikkomunikata b'ittra rreġistrata (Prot. Nru D311143), irċevuta fit-13 ta' Ottubru 2022, li permezz tagħha l-Parlament Ewropew stabbilixxa mill-ġdid id-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar tiegħu u ordna l-irkupru tal-ammont imħallas fuq il-bażi tad-determinazzjoni tad-drittijiet għall-pensjoni preċedenti;
- tordna lill-Parlament Ewropew iħallas lura l-ammonti kollha indebitament miżmuma, flimkien mal-interessi bir-rata legali mid-data taż-żamma sad-data tal-ħlas, u tikkundanna lill-Parlament Ewropew sabiex jeżegwixxi s-sentenza li għandha tingħata u jieħu l-inizjattivi, l-atti jew il-miżuri kollha meħtieġa, sabiex jiġi għarantit l-istabbiliment mill-ġdid b'mod sħiħ u immedjat tal-ammont oriġinali tal-pensjoni tal-irtirar;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-awtur tal-att li jikkawża preġudizzju, ksur tar-rekwiżiti formali esenzjali minħabba nuqqas ta' motivazzjoni u, għaldaqstant, ksur tal-Artikolu 41(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
 2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-assenza ta' bażi legali u applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 75 tal-Miżuri ta' Implementazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew.
 3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur manifest tal-prinċipju ta' ċertezza legali tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u tad-drittijiet miksuba, u, għaldaqstant, ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll Addizzjonali tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.
-

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Diċembru 2022 – Filippi vs Il-Parlament

(Kawża T-824/22)

(2023/C 94/64)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Livio Filippi (Carpi, l-Italja) (rappreżentant: M. Merola, avukat)